# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 5 ta' Mejju 2025

Avviz tat-Talba numru: 33/2024 CL

**Analise Vella (KI Nru 470186M)**

**VA**

**Mark Muscat (KI Nru 281378M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-19 ta' Frar 2024 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' elf, mitejn u disgha u tletin euro u wiehed u sebghin centezmu (€1,239.71), jew somma verjuri, rapprezentanti sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-tifla tal-partijiet Amy li twieldet minn relazzjoni bejn il-partijiet. Il-Partijiet kienu irregolaw il-kura u l-kustodja, access u manteniment tat-tifla permezz ta'kuntratt datat 28 ta' Marzu 2014, fl-atti tan-Nutar Dr. Ritianne Bugeja Fenech. (Dok A anness) Illi skond l-artikolu 6 (ii) tal-kuntratt, il-konvenut kien obbligat ihallas sehemu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari ta' bint il-partijiet. Illi minkejja diversi interpellanzi, inkluz ittra legali il-konvenut dejjem ghazel li ma jhallasx sehemu mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extra kurrikulari tant illi illum hemm arretrati ta' €1,239.71 rapprezentanti sehem il-konvenut ghal dawn l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li gie ipprezentat fit-28 ta' Marzu 2024 fejl ikkontesta t-talba rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk kellhom jigu michuda. Illi t-talba sabiex il-konvenut jhallas u jaghmel tajjeb ghal-ispejjez oltre l-manteniment m'humiex spejjez straordinarji kif jistipola l-artikolu 6 (ii) tal-kuntratt datat 28 ta' Marzu 2014. Illi l-kuntratt huwa car u jikostitwixxi *pacta sunt servanda* bejn il-partijiet stante li l-ispejjez li qed jigu mitlubin huma spejjez ordinarji filwaqt illi kienu l-ispejjez ta' natura straordinarji biss illi kellhom jigu ssaldati mill-konvenut. Illi l-attrici tinsab ben saputa illi l-introjtu mizeru tal-konvenut m'hux bizzejjed biex jikkura u jkopri lili nnifisu izda hu xorta qatt ma cahhad jew falla fi hlas tal-manteniment versu bintu. Ghaldaqstant kwalsiasi tentattiv ta' talba f'dan is-sens huma intizi biex jsalbu lill-konvenut. Salv eccezjonijiet ohra bl-ispejjez.

Fit-3 ta' Lulju 2024 ir-rikorrenti ipprezentat l-affidavit taghha flimkien ma' dokumenti u l-partijiet informal lit-tribunal li kienu qeghdin jipprovaw jitranzigu u fil-fatt talbu diversi differimenti ghal dan l-iskop. Illi fl-24 ta' Frar 2025, il partijiet informaw lit-Tribunal illi sabiex jintlahaq ftehiem, il-partijiet ftehmu illi sabiex jasli fi ftehiem, l-ammont mitlub ta' €1,329.71 kellu jigi ridott ghal €942.58.(verball foll 135). Ghadaqstant talbu lit-Tribunal biex jaghti sentenza fuq l-ammont miftiehem u l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddiciedi din il-kawza billi jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmu ( €942.58) u jordna lil konvenut sabiex jhallas lill attrici s-somma ta' €942.58 bl-imghax mid-data tal-prezetata tal-kawza odjerna sal-hlas shih u effettiv. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**